31 ta' Mejju, 1954.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Salvatore Vella *versus* Giuseppe Merciecа (*)**

**Verbal — Dikjarazzjoni tad-Difensur — Art. 695 tal-Kap. 15.**

*Kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni magħmula, bil-fomm jew bil-miktub, minn avukat jew prokuratur legali, tista' titreġġa' lura, bil-mezz ta' nota, f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza; basta li ma jiġix pruvat li l-avukat jew il-prokuratur legali kien għamel id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkariku speċjali tal-parti.*

*Jekk il-klijent ma jridx joqgħod għall-parir tad-difensur, ir-rimedju ta' dan hu li jirrinunzja għall-patroċinju, imma mhux li jinkorpora f'verbal tal-Qorti dak li l-klijent ma jkunx irid, u li jurih biċ-ċar li ma jridx.*

---

(*) Deċiża fil-meritu b'sentenza ta' l-14 ta' Ġunju 1954 (publikata).

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' Salvatore Vella quddiem il-Board li jirregola l-Kera ghal Ghawdex biex jiehu taht idejh il-fond nru. 31 Archpriest Cassar Street, Victoria, mikri lil Giuseppe Mercieca, billi jrid jaghmel riparazzjonijiet strutturali fil-fond u jiżviluppah;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tat-2 ta' Frar 1954, li biha laqa' t-talba u ta lill-intimat sa tmiem il-lokazzjoni biex jiżgombra, u ordna illi l-ispejjeż, in vista taċ-ċirkustanzi, ihallashom ir-rikorrent; billi kkunsidra;

Illi, kif jidher mill-verbal tad-19 ta' Jannar 1954, il-kwistjoni tirriduċi ruhha dwar jekk il-fond offert huwiex "suitable" jew le;

Illi mill-eżami tal-fond in kwistjoni, maghmul mill-membri tekniċi ta' dan il-Board, jirriżulta illi l-fond offert huwa adatt ghall-intimat u l-familja tieghu, sew fil-kobor kif ukoll fiċ-ċirkustanzi l-ohra, u illi ghalhekk l-intimat ma jopponix ghat-talba ;

Rat ir-rikors ta' l-intimat Giuseppe Mercieca, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tigi revokata, u li l-attur jigi michud mit-talba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat, fuq l-inċident dwar il-verbal fol. 3;

B'dan il-verbal, il-P.L. Giuseppe Saliba, li kien qieghed jippatroċina lill-intimat quddiem il-Board tal-Kera, iddikjara dan li ġej:— "Il-P.L. Saliba jopponi ruhu, billi, sa fejn jaf hu, dan il-post mhux adattat. F'każ illi l-Board jiddeċidi illi l-post huma "suitable", huwa ma jopponix";

Mit-termini tas-sentenza appellata jidher li dan il-verbal kellu importanza deċiżiva; ghaliex il-Board, appena ikkonstata li l-fond offert bhala "alternative accomodation" kien "suitable", qata' l-kawża senz'altro, in vista tad-dikjarazzjoni fuq riportata li, jekk il-fond jigi misjub "suitable", allura ma hemmx oppożizzjoni;

F'din it-tieni istanza, l-intimat, bin-nota tieghu tas-17 ta' Mejju 1954, irtira dak il-verbal, li fforma, kif inghad, il-bażi tas-sentenza appellata;

Giet ghalhekk sollevata l-kwistjoni jekk dak il-verbal jistax jigi rtirat;

Il-materja hi regolata bid-dispost ta' l-art. 695 (1) Kap. 15 Ediz. Riv., li jgħid dan:— "Kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni magħmula, bil-fomm jew bil-miktub, minn avukat jew prokuratur legali, tista' titraġġa' lura, bil-mezz ta' nota, f'kull waqt tal-kawża, ukoll fil-Qorti ta' grad ta' Appell, qabel is-sentenza; basta li ma jiġix pruvat li l-avukat jew il-prokuratur legali kien għamel id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkariku speċjali tal-parti";

Mela d-dikjarazzjoni hi ritirabili biss jekk ma saretx b'inkariku "ad hoc" tal-parti;

Issa, f'dal-każ, wieħed għandu jara, fl-eżami tal-kwistjoni ta' fatt, jekk il-P.L. Saliba kienx speċjalment awtorizzat, jew minn Giuseppe Mercieca jew minn martu, għaliex mill-provi jirriżulta li kienet hija li qiegħda tattendi fil-kawża minflok żewġha;

Ma hemmx kwistjoni, u ħadd ma jippretendi, li l-P.L. Saliba ġie awtorizzat jagħmel dak il-verbal minn Giuseppe Mercieca, li ħalla kollox f'idejn martu;

Kwantu għal din martu, mill-provi, mhux eskluża x-xhieda ta' l-istess P.L. Saliba, jidher ċar li, mhux talli din ma awtorizzat bl-ebda mod lil dan il-prokuratur legali li jagħmel dak il-verbal, imma li qabel, waqt, u wara, hija pprotestat f'sens dijametralment oppost għall-kontenut ta' dak il-verbal. Anki fil-ħin stess li kien qed isir il-verbal, hi opponiet ruħha; għax l-Avukat Dr. Masini jgħid li kien hemm l-għajjat dak il-ħin, u anki x-xhud Balluci qal li hi pprotestat bil-qawwa kollha. Mart l-intimat kienet rat il-post anki qabel ma marru jispezzjonawh il-periti tal-Board, u għalhekk kienet fi grad li taf dwar x'hix kienet qiegħda topponi ruħha. Milli jidher, il-P.L. Saliba deherlu, tajjeb jew ħażin, li jekk il-post kien "suitable", jew aħjar, jekk kien kunsidrat tali mill-Board, allura l-intimat kien ikollu joqgħod għat-talba, u ddetta fil-verbal pjuttost din il-fehma tiegħu milli l-volontà tal-klijent; mentri l-intimat, per mezz ta' martu, assolutament ma riedx joqgħod għal dak il-parir. Jekk il-P.L. Saliba kien fermament ta' dak il-parir u l-klijent ma riedx jisma' minnu, allura r-rimedju tiegħu kien li jirrinunzja għall-patroċinju, imma mhux li jinkorpora f'verbal ta' im-

portanza sostanzjali dak li l-klijent ma riedx u wrih bić-ċar li ma kienx irid;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddirimi l-inċident preliminari billi tiddikjara ritirabili l-verbal fuq imsemmi, fl-assenza ta' inkariku speċjali tal-klijent, u fil-fatt tiddikjarah validament ritirat bin-nota fuq imsemmija;

L-ispejjeż ta' l-inċident, stante li l-inċident kien provokat mill-patroċinatur ta' l-appellant, jibqgħu bin-nofs;

Tordna li titkompla t-trattazzjoni fil-meritu.